# Il-Ħadd 12.10.2014

1. L-ewwelnett, f'isem Monsinjur Arċisqof, u anke jien min-naħa tiegħi, nirringrazzjawkom ħafna tal-preżenza, tat-talb, u tal-inkuraġġiment tagħkom nhar il-Ħadd li għadda, fl-okkażjoni tal-Bidu tal-Ħidma Pastorali tiegħi hawn magħkom. Jalla nkomplu nikbru f'dan l-ispirtu sabiħ ta' bejnietna f'isem il-Mulej Ġesù. Min-naħa tiegħi nwiegħedkom li jien ser nagħmel ħilti.

2. Illum, il-Ħadd 12/10:
   - **Filgħodu - Niċċelebraw l-Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja:**
     Fit-8:15am - Quddiesa li fiha jiġu nċensati s-slaleb tal-konsagrazzjoni.
   - **Filgħaxija - Niċċelebraw il-Festa tal-Madonna tar-Rużarju:**
     Fil-5:30pm - Quddiesa bil-priedka mill-Kappillan, Dun David Farrugia, u
     Fis-6:15pm - Purċissjoni, li fiha jingħad ir-Rużarju,
     u li tintemm b'Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
     Il-purċissjoni tgħaddi minn: Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl,
     Triq u Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija,
     Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq l-Iskola,
     Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja.
     *Infakkru biex ma tħallux karozzi ipparkjati f'dawn it-toroq imsemmija.*
     *F'każ ta' xita l-funzjoni issir fil-knisja stess.*

3. Il-Ħamis 16/10:
   - Filgħodu ser ikollna ħarġa: Inżuru s-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba, B'Kara, fejn ikollna Rużarju u Quddiesa u wara nmorru r-Rabat fejn ikollna Coffee Morning hemm. Tluq fid-8:45am u inkunu lura għas-1:00/30pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.
   - Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kappillan mal-ġenituri tat-tfal li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof, fil-Museum tas-Subien.

4. Is-Sibt 18/10
   - Mill-5:30pm - Seminar għall-ġenituri flimkien ma' wliedhom
     sat-8:00pm li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof, fil-Museum tas-Subien stess.
   - Fit-8:00pm, il-Kappillan flimkien mal-membri tal-Kummissjoni Familja tal-Parroċċa qed jistiednu lill-koppji miżżewġa għal-laqgħa u wara ħin fejn nieħdu xi ħaġa żgħira flimkien fiċ-~entru Parrokkjali. Min jixtieq jattendi tajjeb li jinforma lill-Kappillan jew lil xi ħadd mill-kummissjoni Familja biex isiru l-preparamenti meħtieġa.

5. Il-Ħadd 19/10: il-Ġurnata Missjunarja:
   - Ser jittella' Bazaar fuq iz-zuntier tal-knisja u l-offerta tal-quddies tmur għal dan l-iskop: li nipprovdu għajnuna finanzjarja lill-Missjunarji biex iwettqu l-ħidmiet tagħhom ta' karità.
   - Infakkru ukoll li tqassmu xi envelops mal-Magazin 'Flimkien' biex tkunu tistgħu tagħtu d-donazzjonijiet tagħkom. Dawn l-envelops għandhom jinġabru minn dawk li jqassmu l-'Flimkien' jew inkella jinġiebu hawn u jinxteħtu fil-qfief tal-offerti. Nirringrazzjakom mill-qalb.

6. Avviżi oħra:-
   - Id-Day Centre ta' Ħal Safi jixtieq jinfurmakom li mit-Tnejn 13/10 sal-Ġimgħa 17/10, fiċ-Ċentru ta' matul il-jum taż-|urrieq, ser tittella' Wirja ta' xogħol maħdum bl-idejn mill-Anzjani li jattendu d-Day Centre kemm dak fiż-Żurrieq u kemm dak f'Ħal Safi. Kulħadd mistieden iżur din il-Wirja.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 421 bħala ġabra b'risq il-manutensjoni tal-knisja.